



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT
U T-TEKNOĠIJA

Brussell, is-26 ta' Mejju 2020
REV2 – jissostitwixxi l-avviż (REV1)
bid-data tal-21 ta' Marzu 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneqozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan hux se jiġi konkluż u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Il-partijiet ikkonċernati, speċjalment persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Renju Unit (sakemm ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru) u impriżi stabbiliti fir-Renju Unit, huma partikolarment irrakkomandati li jivvalutaw il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fid-dawl ta' dan l-avviż.

Innota:

Dan l-avviż ma jindirizzax aspetti oħra relatati ma' tranżazzjonijiet elettroniċi, bħax-xiri online b'konsenja sussegwenti tal-pakketti u l-kummerċ elettroniku u n-newtralità tal-internet, jew mal-protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

Għal aspetti oħra, qed jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħra⁶.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-imblukkar ġeografiku, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2018/302⁷ dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post ta' residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern, ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

Ir-Regolament (UE) 2018/302 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment, inkluż imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat, f'ċerti tranżazzjonijiet transkonfinali bejn in-negozjant u l-klijent fir-rigward tal-bejgħ tal-prodotti u l-provvista ta' servizzi fl-UE. B'mod partikolari, ir-Regolament jipprevedi l-miżuri li ġejjin biex jiġu protetti l-klijenti⁸

- huwa pprojbit għan-negozjanti li jimblokkaw jew jillimitaw l-aċċess ta' klijenti għal interfaċċi online (pereżempju sit web) u li jidderiġuhom lejn interfaċċa online oħra mingħajr il-kunsens minn qabel tal-klijent (l-Artikolu 3);
- huwa pprojbit għan-negozjanti li japplikaw, f'ċerti sitwazzjonijiet definiti, fuq bażi diskriminatorja, kundizzjonijiet differenti ta' aċċess għall-klijenti għal prodotti u servizzi (l-Artikolu 4; informalment magħruf bħala l-prinċipju "jixtru qishom ċittadini lokali");

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_en

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern (ĠU L 60 I, 2.3.2018, p. 1).

⁸ Kemm il-klijenti, kif ukoll in-negozji.

- nondiskriminazzjoni minħabba raġunijiet relatati mal-pagament (l-Artikolu 5).

2. KLJENTI FIR-RENJU UNIT

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Renju Unit (sakemm ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru u t-trattament diskriminatorju eventwali ma jkunx ibbażat fuq tali kriterju) jew impriżi stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-Regolament (UE) 2018/302:

- L-ewwel nett, persuni jew impriżi bħal dawn li jixtiequ jiksbu aċċess għal siti web fl-UE mhux se jibbenefikaw mill-projbizzjoni msemmija hawn fuq relatata mal-aċċess għall-interfaċċi online tan-negozjanti. Dan ifisser li negozjant jista' jimblokka, jillimita jew jidderieġi dawk il-klijenti lejn verżjonijiet speċifiċi tas-siti web tiegħu/tagħha li jistgħu jkunu differenti minn dak li fih il-klijent ikun ipprova jidħol inizjalment.
- It-tieni, persuni jew impriżi bħal dawn mhux se jkollhom il-garanzija li jkunu jistgħu "jixtru qishom klijenti lokali" fl-UE fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 4 tar-Regolament, inkluż il-benefiċċju tal-istess prezzijiet u kundizzjonijiet relatati mal-provvista ta' prodotti u servizzi bħal klijenti lokali (jiġifieri l-klijenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tan-negozjant). Pereżempju, il-klijenti se jiġu affettwati f'dak li jirrigwarda l-bejgħ offline u online ta' prodotti u servizzi, bħal prodotti kkonsenjati jew miġbura fit-territorju tal-UE, biljetti għal avvenimenti sportivi jew parks ta' divertiment fl-Istati Membri, u l-bejgħ ta' servizzi pprovduti elettronikament, bħal servizzi ta' hosting.
- It-tielet, persuni jew impriżi bħal dawn li jużaw mezzi ta' pagament mir-Renju Unit mhux se jiġu protetti kontra negozjanti li japplikaw kundizzjonijiet differenti għal tranżazzjoni ta' pagament minn dawk offruti lil klijenti tal-UE, jew li jirrifjutaw li jikkonkludu x-xiri għal raġunijiet relatati mal-pagament, meta l-klijenti jħallsu (jew ikunu jridu jħallsu) elettronikament għal prodotti jew servizzi.

3. NEGOZJANTI TAR-RENJU UNIT LI JOPERAW FL-UE

Ir-Regolament (UE) 2018/302 japplika għan-negozjanti kollha li joperaw fl-UE, indipendentement minn jekk dawk in-negozjanti humiex stabbiliti fl-UE jew f'pajjiż terz (il-premessa 17 tar-Regolament (UE) 2018/302).

Għalhekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, negozjanti li jkunu stabbiliti fir-Renju Unit u li joperaw fl-UE se jibqgħu marbuta bir-regoli stabbiliti mir-Regolament (UE) 2018/302 fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom li jkunu qed isiru fl-UE.

Konsegwentement, il-klijenti li jkollhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru jew li jirrisjedu jew ikunu stabbiliti fi Stat Membru jistgħu jkomplu jinvokaw id-drittijiet imsemmija hawn fuq li jirriżultaw mir-Regolament fir-rigward ta' dawk in-negozjanti.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar l-imblukkar ġeografiku (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/geo-blocking-digital-single-market>) jagħti informazzjoni ġenerali rigward il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-imblukkar ġeografiku. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija